# KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 80

16 ta' April, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattiċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 80**

80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 78 – 8 u Nru tal-Laqgħa b'urġenza 79 – 8;
80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
80.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
80.5 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2017;
80.6 Għotja minn Mizura 4.3 – Triq Bardan;
80.7 Premju Ġieh Sannat 2018;
80.8 Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-sena 2018;
80.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
80.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2018;
80.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

80.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

80.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru 78 – 8 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru 80 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

80.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Ħarġa għal Malta msemmija fil-laqgħat preċedenti ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2018, din ma saritx peress li ma kienx hemm biżżejjed konkorrenza mir-residenti. Minn barra dan min kien applika li se jmur ħafna minnhom ġew lura l-uffiċju jikkanċellaw peress li beżgħu mill-maltemp li kien previst fejn fil-fatt ma kinitx ġurnata bil-maltemp.

80.3.2 Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija ġie avviċinat minn residenti sabiex jerġa jiġi offrut s-servizz ta' minibus bħas-sena l-oħra għal Ta' Pinu kull nhar ta' Erbgħa mit-2 ta' Mejju sa Awwissu 2018. Il-Kunsill qabel ma dan is-servizz.

*Fis-1.48 p.m. waslet il-Kunsilliera Cassar Sultana. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex kullħadd ikun fil-ħin.*

80.3.3 Is-Sindku qal li ġie nfurmat mill-ħaddiema tal-Beaches tal-MGOZ li reġa wasal iż-żmien biex jinżebgħu l-għamara, ħitan, railing u slielem fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dan ix-xogħol ser isir qabel jibda l-istaġun tas-sajf. Il-Kunsill qabel ma dan u ser jissuplixxi dan il-materjal taż-żebgħa.

80.3.4 Is-Sindku reġa qal li reġa ġie mitlub mir-residenti biex jitkompla t-traffic management fil-parti ta' fuq ta' Triq Ta' Ċenċ u qal li hemm bżonn li jsir traffic management ukoll fi Triq il-Kbira. Hu qal li hemm bzonn li l-bus stop fejn il-ġibjun f'din it-triq għandha tersaq u ma tieħux daqshekk wisgħa biex ikun hemm aktar parking.

80.3.5 Is-Sindku qal li r-residenti ta' Triq Saguna reġgħu talbu biex terġa tiġi nstallata T-shape garbage hanger peress li dik li kien hemm ma għadiex hemm. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

80.3.6 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-Pjazzetta tax-Xelina hemm bollard mgħawweġ b'xi daqqa ta' vettura kbira u li dan irid jinbidel għaliex ma jitranġax. Il-Kunsill diġa ordna ieħor bħalu biex malli jasal dan jinbidel.

80.3.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li r-resident li s-soltu jieħu ħsieb li jixgħel xemgħa fil-fanal ta' quddiem in-niċċa tal-Madonna ta' Borg fi Triq Sannat qal lis-Segretarju li l-fanal li jinsab fiċ-ċinta tal-ġebel qasam il-ġebla u hemm bżonn li din tiġi mibdulha jew irranġata. Il-Kunsill qabel li din tiġi rranġata.

80.3.8 Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 8 ta' April meta tard filgħaxija qam riħ qawwi kkaġuna diversi ħsarat fejn fosthom waqgħu żewġ ħitan tal-kantun fi Triq Ras in-Newwiela u Triq it-Tempju tal-Imramma u b'hekk intalbet l-għajnuna tal-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili biex jitneħħa kull inkonvenjent mit-triq. Is-siġra tal-Awrikarja fi Pjazza Santa Margerita kompliet tiġġarraf meta tqaċċtu diversi frajja u l-għada mmedjatament intalbet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex fejn dawn talbu lill-ħaddiema tal-ELC biex ineħħu kull periklu miż-żkuk mqaċċta f'din is-siġra kif ukoll ingħatat tindifa. Fuq din is-siġra uffiċjali mill-Agrikoltura qalu li din is-siġra qegħda terġa tirkupra u hemm fejn qed ittella' l-ġdid. Fil-Ġnien tal-Bidwi tkomplew tqattgħu l-interpretational panels u tqaċċtu l-frames tal-injam tagħhom, tkissru il-5 qnieneċ tal-qasab li hemm u tkissret il-lapida tal-irħam tal-inawgurazzjoni. Għall dawn il-ħsarata l-Kunsill qed jitlob stima għal dawn il-ħsarat. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn.

*Fis-2.00 p.m. is-Sindku ssospenda l-laqgħa għaliex kien hawn il-Perit Brian Curmi u s-Sur Teddy Cremona fejn dawn talbu biex il-Kunsill japplika PC application mall-Planning Authority biex tintalab il-linja tal-bini f'din it-triq speċjalment quddiem l-ispazju miftuħ li l-Kunsill kien sebbaħ b'fondi minn EcoGozo f'din it-triq.*

*Il-laqgħa tkompliet fis-2.08 p.m., dak il-ħin waslet l-Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ.*

80.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill rċieva risposta mingħand id-Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jiġi ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill u l-Awtorita' biex il-Kunsill jibbenefika l-ammont ta' €13690.13 biex issir Triq il-Kalati. B'hekk issa jistgħu jibdew dawn ix-xogħolijiet fuq din it-triq. Il-Kuntrattur Peter Paul Said diġa ġie nfurmat b'dan u applika ma T.M. b'hekk issa jista jiffirma l-Kuntratt mall-Kunsill għal dan ix-xogħol.

80.3.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċvieva ittra mingħand JP2 Foundation fejn qalu li fil-ġimgħa tal-festa ser ikun hawn kor bl-isem Amery Hill School Choir mill-Ingilterra u li xtaqu li jgħamlu kunċert fuq iż-żuntier tal-Knisja. F'każ li l-Kunsill flimkien mall-Knisja jaċċettaw, il-Kunsill hu mitlub li jħallas il-biljetti tal-vapur u t-transport għal tlieta u tletin persuna.

80.3.11 Is-Sindku qal lill-Kunsill li għad fadal il-fondi minn kuntratt li kien sar minn U.I.F. (Planning Authority) biex isir il-fencing tal-playing field fi Triq Marziena u Triq it-Tabib Anton Tabone. Hu qal li l-Kunsill irrid jara kemm ser jiġi jiswa dan il-fence. Għalhekk ser jinġabru kwotazzjonijiet għal ħadid u kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' dan il-fence.

## 80.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

80.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar il-vakanza għal post ta' skrivan/a *back to back* sar l-interview nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2018 lil persuna waħda li applikat mill-lista ta' Part 1 mill-Jobplus. Il-persuna li attendiet għad dan l-interview mall-bord ma ġabitx l-iskor ta' marki mixtieq mill-bord. Għalhekk il-Kunsill ħa deċizzjoni li għandu jitlob lill-Jobplus il-lista ta' Part 2 biex b'hekk ikunu jistgħu japplikaw minn din il-lista.

80.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nfoma lill-Kunsill li l-bilanċ fil-kont tal-Urban Improvement Fund – Awtorita' tal-Ippjanar f' Jannar 2018 kien ta' €59,274.70ċ. Minn dan l-ammount il-Kunsill se jiffirma kuntratt fil-jiem li ġejjin għall-ammont ta' €13,690.13c biex jintużaw għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Kalati, b'sistema ta' konkos monolitiku bid-disinn.

80.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ser jattendi għal programm ta' taħriġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar bl-isem ESF.04.0073 – PA+: Local Councils. Għal dan il-għan ser issir sessjoni ta' informazzjoni dwar dan nhar it-Tnejn 23 ta' April 2018, fl-10.00 a.m. fis-sala tal-Kunsill Lokali

ta' l-Għarb.

80.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsill irid jaħtar bord għat-Tender tal-Urban Green Project, li t-tender ser jiġi ppublikat fis-sistema tal-ePPS dalwaqt. Il-Kunsill ħatar lill-Avukat Dr Larry Formosa, lill-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Pauliana Said u lill-William Sultana.

80.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 29 ta' April 2018 ser issir il-Gozo Half Marathon u li din ser tgħaddi minn Triq Sannat, Triq ix-Xewkija.

80.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li saret talba biex isir il-Vodafone Connect Challenge 2018 nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2018. Din tikkonsisti f'relay mill-Għadira ta' San Raflu għal bajja tax-Xlendi tgħaddi miċ-ċnus tas-Sanap għal Ta' Ċenċ għal Mġarr ix-Xini għal Mġarr. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

80.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kap tal-iskola primarja Ta' Sannat stiednet lill-Kunsill għal Open Day, għada 17 ta' April 2018 mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.

80.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-inverter tas-sistema tas-CCTV fil-Ġnien tal-Bidwi mhux jaħdem. Dan ittiehed mill-kumpanija li nstalla s-sistema sabiex jiġi ttestjat.

## 80.5 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2017

80.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li fl-imejl mall-Aġenda u l-Minuti bagħat ukoll l-Audited Financial Statements għas-sena 2017. Il-Kunsill qabel ma dawn l-istatements li ġew approvati u ffirmati biex jintbgħatu lill-Awditur fil-ħin.

## 80.6 Għotja minn Miżura 4.3 – Triq Bardan

80.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 5 ta' April 2018, is-Segretarju Eżekuttiv informah li l-Kunsill irċieva imejl li l-Kunsill ingħata għotja ta' 90% minn Rural Development Programme 2014 - 2020 Miżura 4.3 Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry - Improving Farm Access Roads in Ta' Sannat, fondi ewropej għall-għoti ta' Triq Bardan bit-tarmak. Il-Kunsill kien applika ukoll għal Sqaq fi Triq Xamgħan u Sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Cenc pero għal dawn it-toroq il-Kunsill ma bbenefikax. B'hekk il-Kunsill bbenefika €56,540.65 u jrid joħroġ l-10% li jammontaw għal €6,282.29 għal ammont stmat fl-applikazzjoni ta'€62,822.94c. Is-Sindku qal li sa fl-aħħar din it-triq ser tingħata bit-tarmak u b'hekk r-residenti li jgħixu u jużaw din it-triq se jkunu aktar kuntenti.

## 80.7 Premju Ġieh Sannat 2018

80.7.1 Is-Sindku qal li din l-attivita' ta' Jum Sannat ser issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' April 2018 fit-7.45 p.m. fis-sala tal-iskola peress li nhar is-Sibt 28 ta' April 2018 kif kien previst se tintlgħab logħba mportatnti tal-futbal minn Sannat Lions F.C. fejn dawn jistgħu jitilgħu għal promozzjoni fil-1st division. Is-Sindku qal li b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jattendu għaż-żewġ attivitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill rċieva erbgħa applikazzjonijiet b'żewġ nominazzjonijiet għal dan il-Premju Ġieh Sannat 2018. Wara li l-bord kompost mill-Kunsill evalwa dawn l-applikazzjonijiet u ħa vot, il-Kunsil ta l-premju lill-persuna li se titħabbar dakinhar waqt is-serata. Mons. Anton Mizzi kiteb poeżija bl-isem "Is-Siġra tal-Misraħ" li xtaq li din tinqara waqt din is-serata. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 80.8 Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-sena 2018

80.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ma rċieva l-ebda nominazzjoni għal dan ir-Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-Sena 2018. Il-Kunsill għażel hu persuna għal dan il-premju, u li din li isimha ser jitħabbar dakinhar tas-serata.

## 80.9 Ilmenti u Suġġerimenti

80.9.1 Is-Sur Albert Gauci qed jissuġġerixxi li jsir 'clean up' f'Ta'Cenc bil-kollaborazzjoni tal-BOV u l-Kunsill jipprovdi ngwanti, boroż tar-riċeklaġġ /suwed u xi ilma. Is-Sindku se jieħu ħsieb li jkellem lill-proprjetarji tal-Hotel Ta' Ċenċ dwar dan.

80.9.2 Is-Sur Steve Talbot qed jilmenta fuq il-ħafna karozzi bla liċenzji u mkissrin li jinsabu fi Triq il-Munxar. Is-Sindku qal li dan kien qed jirreferi għal Triq Marziena u li hu wieġeb lil dan ir-resident li din it-triq tgħamel mall-Kunsill Lokali Il-Munxar. Is-Sur Talbot qal ukoll li fi Triq il-Blat hemm karozza bla pjanċi abbandunata. Il-Kunsill għandu jara ta' min hi din f'każ li ma jsib li ma hi ta' hadd din titneħħa bil-għajuna tal-pulizija.

80.9.3 Is-Sur Stephen Pace li joqgħod fi Triq il-Kbira qed jitlob biex jitwaħħal dog bin fi sqaq fl-istess Triq u jitwaħħlu bollards quddiem l-kazini fi Pjazza Santa Margerita. Dwar il-bollards il-Kunsill qabel li dawn isiru kif ikun jixraq fil-proġett ta' din il-pjazza. Il-Kunsill qabel li jixtri 2 dog bins oħra biex wieħed biex jeħel f'din it-triq u l-ieħor fi Triq Saguna wara l-ħajt tal-ġnien tar-residenza tal-Kunsillier Bajada.

80.9.4 Bis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex daħal ilment fuq toilet seat maqlugħ fit-toilet tal–persuni bżonnijiet speċjali. Dwar dan il-Kunsill kellem lill-Kuntrattur u dan ġie rranġat.

80.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li resident minn Ta' Sannat qal li qed jinnota li l-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku qed iħaddem lill-ħaddiema tiegħu bla nifs biex jiġbru l-iskart fl-inqas ħin biex dawn il-boroż jinġabru f'post wieħed u jinġabru minn hemm. Il-Kunsill qal li f'dan il-każ hija responsabilta' assoluta tal-Kuntrattur, l-Viċi Sindku qalet li b'dan il-każ din il-persuna tista tgħamel rapport lil Labour Office. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lill-Kuntrattur.

80.9.6 L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ qalet li nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2018 attendiet The Gozo Youth Confernce, fil-Grand Hotel fejn preżenti kien hemm ambaxxaturi oħra minn lokalitajiet differenti Għawdxin u qalet li kienet laqgħa nteressanti.

## 80.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2018

80.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill . Kopja ta din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 80.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

80.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.10 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2018, fis-2.00 p.m.

Konfermati, illum 7 ta' Mejju 2018

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |